



Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en, pl)

6740/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0197(COD)

CODEC 247
CLIMA 96
ENV 167
TRANS 70
MI 135

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO ₂ għal karożżi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Il-Polonja topponi bil-qawwa l-adozzjoni ta' dan l-att leġiżlattiv.

Mhijiex favur li l-miżati u l-piżijiet il-ġodda jingħadu liċ-ċittadini, pereżempju billi jiżdiedu l-ispejjeż tal-aċċess għall-fjuwils. Kwalunkwe spiża addizzjonali li tirriżulta mill-piżijiet il-ġodda għandha tinġarr mill-manifatturi u ma għandhiex tinghadha liċ-ċittadini. Il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tipprovdi inċentiv għall-manifatturi tal-karożżi biex joffru vetturi b'emissjonijiet żero bl-inqas spiża possibbli għaċ-ċittadini. Għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi differenti tal-Istati Membri individwali sabiex tiġi evitata l-aggravazzjoni tal-istratifikazzjoni soċjali, il-faqar jew l-esklużjoni.

It-tendenzi mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-vetturi għandhom iqisu l-potenzjal tas-suq fir-rigward kemm tal-partikolaritajiet teknoloġiċi tal-manifatturi tal-vetturi jew tat-tagħmir tal-vetturi kif ukoll tal-aspetti ekonomiċi, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kapaċità finanzjarja taċ-ċittadini tal-pajjiż.

Barra minn hekk, il-Polonja ma tistax taċċetta l-inklużjoni ta' eżenzjonijiet għall-manifatturi ta' ċerti marki ta' lussu; dan huwa inkompatibbli mal-prinċipju ġenerali li l-emissjonijiet għandhom jtnaqqsu mis-setturi kollha b'mod li jkun soċjalment ġust. Fi żminijiet ta' kriżi, id-derogi għandhom ikunu diretti lejn l-ifqar ċittadini aktar milli lejn il-manifatturi ta' karożżi lussużi. Għalhekk, il-Polonja tesprimi l-oppożizzjoni tagħha għal dan l-att leġislattiv.
